



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

18165/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0448 (NLE)**

**ENV 1234
ENER 599
IND 387
TRANS 692
ENT 355
SAN 553**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Diċembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 917 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar li tiġi aċċettata l-Emenda lill-Protokoll tal-1999 tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2013) 917 final.

Mehmuż: COM(2013) 917 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2013
COM(2013) 917 final

2013/0448 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar li tiġi aċċettata l-Emenda lill-Protokoll tal-1999 tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku

{SWD(2013) 531 final}

{SWD(2013) 532 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila (il-Konvenzjoni tal-LRTAP), konkluda taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ekonomika tan-NU għall-Ewropa (UNECE), hija l-qafas legali internazzjonali prinċipali għall-kooperazzjoni u għat-teħid ta' miżuri biex jitrażżan u, gradwalment, anki jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u l-effetti negattivi tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent fir-reġjun tal-UNECE, b'enfasi speċifika fuq it-tniġġis transkonfinali tal-arja fuq distanza twila.

Il-Konvenzjoni tal-LRTAP ġiet iffirmata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea f'Helsinki fl-14 ta' Novembru 1979 u kienet approvata bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 81/462/KE tal-11 ta' Ġunju 1981.¹

Sal-lum, il-Konvenzjoni tal-LRTAP ġiet estiża bi tmien protokolli, inkluż bil-Protokoll tal-1999 sabiex titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-Protokoll). Dan il-Protokoll jippromwovi approċċ fejn jiġi analizzat aktar minn inkwinant wiehied biex kemm jista' jkun ma jinqabżux il-kargi kritiċi ta' aċidifikazzjoni u ta' nitroġenu nutrittiv u l-livelli kritiċi ta' ożonu għas-saħħa tal-bniedem u l-veġetazzjoni. F'dan is-sens, il-Protokoll jistabbilixxi limiti ta' emissjonijiet nazzjonali li ma jridux jinqabżu għal kull waħda mill-Partijiet u li l-istess Partijiet mitluba jaslu għalihom sal-2010; minn hemm 'il quddiem dawn il-limiti jiġu applikati anki għall-erba' inkwinanti li ġejjin: il-kubrit (primarjament id-diossidu tal-kubrit, SO₂), l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x), l-ammonijaka (NH₃) u l-komposti organiċi volatili, eskluż il-metan (VOC). Biex il-Partijiet jiġu sostnuti fil-miri tagħhom biex jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet nazzjonali, l-Annessi tal-Protokoll jistabbilixxu l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet sabiex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet ta' inkwinanti ġġenerati fis-sors minn kategoriji rilevanti ta' sorsi stazzjonari u mobbli.

L-adezzjoni tal-Komunità mal-Protokoll ġiet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2003/507/KE tat-13 ta' Ġunju 2003². Il-Protokoll, li daħal fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2005, ġie traspost fil-liġi tal-UE prinċipalment permezz tad-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni³ u d-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva NEC)⁴.

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tal-Protokoll, l-obbligi ġew eżaminati mill-ġdid bejn l-2005 u l-2007. Ir-rieżami kkonkluda li biex jinkisbu l-oġettivi ambjentali u dawk marbuta mas-saħħa tal-bniedem, jiġifieri li ma jinqabżux il-kargi u l-livelli kritiċi ta' tniġġis b'mod li saħħet il-bniedem u l-ambjent jitħarsu fit-tul, hemm bżonn ta' sforzi akbar. Fl-2007, il-Partijiet fetħu n-negozjati bil-ħsieb li jemendaw il-Protokoll.

Il-proċess ta' negozjati wassal biex b'konsensus tal-Partijiet preżenti waqt it-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni tal-LRTAP (Executive Body, EB) jiġu adottati żewġ deċizzjonijiet (Deċizzjonijiet tal-EB 2012/1 u 2012/2), li emendaw it-test tal-Protokoll u l-Annessi tiegħu u żiedu żewġ annessi ġodda (X u XI)⁵. Żewġ Deċizzjonijiet oħrajn dwar l-

¹ ĠUL 171, 27.6.1981, p. 11.

² ĠUL 179, 17.7.2003, p. 1.

³ ĠUL 309, 27.11.2001, p. 1.

⁴ ĠUL 309, 27.11.2001, p. 22.

⁵ Id-Deċizzjonijiet 2012/1 u 2012/2, it-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, 30 ta' April – 4 ta' Mejju 2012. It-test ta' dawn id-Deċizzjonijiet jinsab f': http://www.unece.org/env/lrtap/multi_h1.html

implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (applikazzjoni proviżorja ta' aġġustamenti fl-impenji marbuta mat-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali⁶ jew fl-inventarji nazzjonali tal-emissjonijiet) kienu wkoll addottati b'konsensus bejn il-Partijiet.⁷

Id-Deċiżjoni tal-EB 2012/1, li taġġorna d-definizzjonijiet ta' kargi kritiċi u ta' livelli kritiċi, kif stipulati fl-Anness I tal-Protokoll, ma titlobx ratifikazzjoni mill-Partijiet. Skont l-Artikolu 13(4) tal-Protokoll, din l-emenda għet ikkomunikata lill-Partijiet kollha għall-Protokoll fis-7 ta' Marzu 2013⁸ u daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2013.

Id-Deċiżjoni tal-EB (2012/2) temenda t-test prinċipali tal-Protokoll u l-Annessi kollha tiegħu (ħlief l-Anness I). Skont l-Artikolu 13(3) tal-Protokoll, din id-Deċiżjoni trid tiġi ratifikata mill-Partijiet.

Il-protokoll kif emendat jistipula objettivi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ġodda li jridu jinkisbu sal-2020, u jinżammu minn dik is-sena 'l hemm, tal-erba' inkwinanti tal-arja msemmija hawn fuq kif ukoll tal-materja partikulata fina (PM_{2.5}). Jippromwovi wkoll tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju iswed (komponent ta' materja partikulata ta' inkwinant, inkwinant tal-klima b'ħaġġa qasira), jaġġorna l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi tal-Protokoll, jistabbilixxi standards ġodda dwar il-kontenut ta' komposti volatili organiċi mhux metaniċi fil-prodotti, u jikkompleta l-obbligu ta' rapportar min-naħa tal-Partijiet fejn jidħlu l-emissjonijiet tal-inkwinanti tal-arja kif ukoll il-progress li sar fl-oqsma tat-teknoloġija u r-riċerka.

L-emenda lill-Protokoll tiġi trasposta fil-liġi tal-UE permezz ta' diversi strumenti legali. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda⁹ d-Direttiva NEC u Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti fl-arja minn impjanti ta' kombustjoni medja¹⁰. Dawn iż-żewġ Direttivi japplikaw it-tnejn li huma, u dan flimkien mad-Direttivi eżistenti tal-UE dwar il-kontroll tas-sorsi tal-emissjonijiet, inkluża d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali¹¹.

Fid-dawl ta' dan, huwa f'loku li l-Unjoni Ewropea taċċetta l-Emenda lill-Protokoll.

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinkludi t-test li jemenda l-Protokoll kif stipulat fid-Deċiżjoni 2012/2 tal-BE.

⁶ Il-livelli nazzjonali ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II tal-Protokoll issa jiġu sostitwiti mill-impenji nazzjonali għal tnaqqis fl-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II tal-Protokoll, kif emendat.

⁷ Id-Deċiżjonijiet 2012/3 u 2012/4, it-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, 30 ta' April – 4 ta' Mejju 2012. It-test ta' dawn id-Deċiżjonijiet jinsab f': http://www.unece.org/env/lrtap/multi_h1.html

⁸ Ref.: ECE/ENV/2013/30.

⁹ COM(2013) XXX

¹⁰ COM(2013) XXX

¹¹ ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar li tiġi aċċettata l-Emenda lill-Protokoll tal-1999 tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens min-naħa tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija Parti fil-Konvenzjoni tal-UNECE dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila wara li approvatha fl-1981¹².
- (2) L-Unjoni hija Parti fil-Protokoll tal-1999 tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku, wara li approvatha fit-13 ta' Ġunju 2003¹³.
- (3) Il-Partijiet tal-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila, fl-2007 bdew negozjati bil-ħsieb li tkompli tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż billi jiġu stabbiliti obbligi ġodda b'rabta mat-naqqis tal-emissjonijiet fil-każ ta' xi inkwinanti tal-arja partikolari, u li jridu jiġu rispettati sas-sena 2020 u billi jiġu aġġornati l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet, u dan filwaqt li jindirizzaw l-emissjonijiet tal-inkwinanti tal-arja fis-sors.
- (4) Il-Partijiet preżenti fit-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni tal-UNECE dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila adottaw [b'kunsens tal-Partijiet kollha?] id-Deċiżjonijiet 2012/1 u 2012/2 li jemendaw il-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku.
- (5) Id-Deċiżjoni 2012/1 daħlet fis-seħħ u saret effettiva abbażi tal-proċedura mħaffa lprevista fl-Artikolu 13(4) tal-Protokoll.
- (6) Id-Deċiżjoni 2012/2 tirrikjedi r-ratiffika mill-Partijiet fil-Protokoll skont l-Artikolu 13(3) tal-Protokoll.

¹² ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11.

¹³ ĠU L 179, 17.7.2003, p.1.

- (7) L-Emenda lill-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku għaldaqstant għandha tiġi aċċettata f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Emenda lill-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Emenda lill-Protokoll hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jaħtar lill-persuna li għandha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, bid-depożitu tal-istrument ta' aċċettazzjoni previst fl-Artikolu 13(3) tal-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila sabiex titnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat b'dan il-Protokoll, kif emendat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President